KUNSILL LOKALI NADUR

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Erbgħa u Għoxrin (24)

## It-Tlieta, 2 ta' Frar 2021

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-4:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Owen Buġeja | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**24.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

L-Ambaxxatur taż-Zgħazagħ ma setax jattendi minħabba impenji oħra.

**24.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti**

Il-Minuti tat-tlieta u għoxrin (23) il-laqgħa tas-7 ta' Jannar 2020 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 23 ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Proponent:-Joseph Vella u Sekondant:-Josef Camilleri.

**24.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;**

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet tal-bank.

**Varjazzjonijiet fuq it-Toroq Rurali u PPP:** Is-Sinku innota li ddiskuta mal-Kuntrattur ta' Gatt Tarmac Ltd u kien hemm qbil verbali miegħu li jitħallas kif kien hemm qbil fl-aħħar laqgħa tal-kunsill – jinħargu għalissa 50k fuq il-Varjazzjonijiet u 15k fuq il-PPP.

**Rural Roads Co-Financing**: L-Kunsill qed jistenna lil board jiltaqa' sabiex naraw kemm ser nirċievu.

L-Kunsill għadu jrid jirċievi mingħand il-Wasteserv madwar 60,000 euro fuq organic waste sa Ottubru 2020, madwar 12,000 euro fuq LA tal-WSC (Pjazza San Pietru Pawl, Triq il-Qortin, Triq ta' Xurdin u Inzul il-Franċizi) u 5,000 euro mingħand MGOZ għall-Milied malli jitħallas kuntratt u jintbgħatu d-dokumenti.

**Bilanċ fuq Urban Improvement Funds**- L-bilanċ pendenti għal progetti sa issa mingħajr il-progett tal-ħadid ta' Kenuna huwa ta' 192k.

**Għamara:**- Il-Kunsill akkwista mid-DLG tlett filing drawers għal l-uffiċju tas-Segretarja u l-qodma tneħħew peress li ma għadhomx sew. Il-Kunsill akkwista ukoll skrivanija. Ser nitolbu kwotazzjoni għal AC tal-uffiċċju tas-Segretarja u ser isir blind fil-kurattur biex il-ksieħ izomm quddiem madwar 160euro. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

# KUNSILL LOKALI NADUR

Is-Segretarja għandha tmur ARMS LTD minħabba li l-kontijiet tal-meter ta' San Blas qed jiġu għoljin. Kien hemm qbil li jitħallas l-membership tal-GAG bl-ammont ta' 500euro.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

Dan il-ħin is-Sindku talab biex l-item rigward żvilupp fi Triq il-Qortin fil-Korrispondenza jiġi diskuss f'dan il-ħin peress li hemm il-Perit tal-Kunsill prezenti f'din il-laqgħa. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-Perit tal-Kunsill spjega fid-dettall ir-rapport li kien prezenta fuq talba tal-Kunsill dwar ***PA85/21-Site at Triq il-Qortin, Nadur- Proposed excavation of site to rquired levels, proposed construction of basement garages to accommodate 74 car spaces and 71 overlying residential apartments having a communal pool with landscaping. Barra minn hekk,*** il-Perit innota li ser ikun hemm problema tal-qlib tal-ilma tax-xita peress li bhalissa qed jaqleb fir-raba', problema oħra ser tkun tad-drenaġġ peress li m'hemmx servizzi, oħra li mhux jiġu rispettati numru ta' SPED policies u anke parti mill-iżvilupp propost qiegħed fuq ODZ.

Is-Sindku innota li daħħlu madwar 60 oġġezzjoni quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar. Hu spjega li bħal ma ġara fil-passat, kull oġġezzjoni tinvolvi l-esperti u allura l-Kunsill irid iżomm quddiem għajnejh spejjeż oħra. Huwa talab lill-Kunsilliera kollha sabiex jgħaddu r-rimarki tagħhom dwar dan l-iżvilupp propost.

Il-Kunsillier Jean Paul innota li fil-passat kien hemm kaz ieħor simili tad-Duru li l-Kunsill ma oġġeżżjonax għalih. Is-Sindku hawnhekk innota li ma kienx hemm complaints mir-residenti bhal dan il-kaz u l-bini kien qiegħed fid-development zone tad-Duru. Il-Kunsillier Jean Paul qal li jekk ha jsir xi ħaga li tkerraħ l-ambjent għandna nitkellmu u nistaqsu dwar Environment impact assessment. Pero rridu naraw jekk għandhomx kollox skond il-policies tal-PA.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Il-Kunsillier Joseph Vella qal li jaqbel ukoll li jekk hemm xi ħaga mhux sew il-Kunsill għandu jitkellem imma jekk kollox qiegħed sew bil-liġi, le. Hu kompla jgħid li importanti naraw fejn ser idawwru l-karozzi, pollution, l-issue tal-parkings u l-problema tad-drenaġġ.

Il-Kunsillier Josef Camilleri qal li hu kontra dan it-tip ta' Bini kbir u li mhux affarijiet sbieħ għar-raħal tagħna.

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri innota li hemm petizzjoni ta' madwar 60 resident u li bhala Kunsill dejjem smajna lil residenti. Hu kompla jgħid li minbarra dan il-Kunsill għandu rapport fid-dettall mill-perit u li dawn il-punti għandhom jiġu kunsiderati peress li ma baqax zmien. Hu qal li qed iħoss mall-familji li bgħatu il-petizzjoni u jħoss li għandu jimxi mal-pariri tal-Perit.

Wara diskussjoni fit-tul is-sindku issuggerixxa li bhala Kunsill għandna nagħmlu rapport mibni fuq dak li qalulna l-esperti, inzidu l-punti li tqajjmu f'din id-diskussjoni, u titressaq oġġezzjoni.

Dan il-ħin is-Sindku Edward Said ressaq mozzjoni fir-rigward tal-Izvilupp propost fi Triq il-Qortin, Nadur PA no. 85/21 fejn qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jitresqu rimarki formali lil-Awtorita' tal-Ippjanar abbazi tat-teknikalitajiet proposti mill-Perit Edward Scerri u ipprezentati lil Kunsill Lokali tan-Nadur u magħhom jiżdidu remarki dwar il-problema tad-drenaġġ, tat-traffiku u densita fl-inħawi kif ukoll l-Environment impact assessment u environment contribution u dan sabiex jiġi approvat. Il-Kunsillier Jean Paul Portelli issekonda din il-mozzjoni u kien hemm qbil annominu favour din il-mozzjoni.

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri innota li l-Kunsill qed jerġgħa juri l-maturita u li aħna b'saħħitna u ma nidejqux nieħdu deċizzjoni.

**24.4. Quarterly Report Oct-Dec 2020 u Financial Accounts 2020.**

Kien hemm prezenti l-Accountat tal-Kunsill fejn wieġbet diversi mistoqsijiet u kien hemm diskussjoni fit-tul fuq il-Quarterly Report. Kien hemm kliem ta' tifħir mill-Kunsilliera bil-mod ta' kif dan il-Kunsill qed jaħdem fil-finanzi. Il-Viċi Sindku qal li permess tal-Accountant, Is-Sindku u s-

Segretarja ser inkunu f'pożizzjoni aħjar. Kien hemm approvazzjoni tal-Quarterly Report 2020. Rigward il-Financial Accounts 2020 ser isir laqgħa oħra fit-22 ta' Frar fis-6:30pm peress li għadhom mhux lesti.

**24.5 Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

***24.5.1 Bins Għajn Qasab***- Twaħħlu minn Eco Gozo u qed jitnaddfu minn naħa tal-Kunsill.

***24.5.2 Talba għal passaġġ fil-bajja ta' San Blas***- Il-Kunsill qed jistenna l-clearance mingħand l-Awtoritajiet tal-Artijiet.

***24.5.3 Talba għal gate fi sqaq tal-Pjazzetta***- Din lesta u kemm teħħel.

***24.5.4 Lapida fi Triq Xandriku-***Din ġiet ordnata u anke il-Kotba tal-fotografija.

***24.5.5- Ħadida fil-bankina fi Triq il-Knisja***- Il-Kunsill bgħat talba lil TM u qed nistennew risposta fuqha.

***25.5.6- Yellow line faċċata ta' garage fi Triq il-Madonna ta' Fatima-*** Dan il-yellow line lest***.***

***25.5.7. Titranġa gradilja fi Triq Għajn Qasab***- Din lesta.

***25.5.8. Rampa bis-sement fi Triq ir-Ramla***- Din lesta.

***25.5.9. Titranġa rampa fi Triq il-Qala-***Din lesta.

***25.5.10. Kantuni u sement minħabba problemi ta' l-ilma fi Triq ir-Rabat***- dawn lesti.

***25.5.11. Patch bis-sement fi Triq San Blas-*** Din lesta.

***25.5.12. Titranġa tappiera u bankina fi Triq Sant Indrija-*** Din lesta.

IFFIRMATA<br>Edward Said<br>Sindku

IFFIRMATA<br>Sue-Ellen Bugeja<br>Segretarja Ezekuttiva

***25.5.13. Talba għal yellow lines fi Triq Dun Guzepp Vella-*** Dawn lesti.

***25.5.14. Gate fil-plot tal-Kunsill fi Triq Bingemma-*** din lesta.

***25.5.15. Ċint fil-Monument tal-FECC fi Triq Għajn Qasab***- dan lest.

**25.5.16** ***Pendenti*** –Rampa fi Triq tad-Duru, Rampa fi Triq Wied Bingemma, Zebgħa fil-bollards tal-Playing Field ta' San Blas, Zebgħa lil Gazebo tal-Playing Field tal-Ħali, Inwittu it-Torba fi Triq Għajn Qasab, Street paint tat-Triq it-Tigrija, Patching fi Triq il-Madonna ta' Fatima, Sement fi Triq ta' kenuna, Trab fil Partita ta' San Blas, Sement fi Triq tax-Xini, Patch fi Triq Ħida, bankina tal-Kazin tal-futbol u Sement fi Triq Wied ir-Rihan.

**25.5.17** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Eucharist Camilleri***:

- Rigward is-sistema tal-Panelli fi Triq Inzul il-Franċizi-Il-kunsill issa qed jistenna mingħand l-Enemalta biex jinbeda x-xogħol.
- Yellow lines fi Triq Xandriku- dawn mhux ser isiru għalissa.
- Bankina fi Triq Dun Guzepp Vella- Ġie ordnat l-madum.
- Bozza fi Sqaq ta' Ħida- din mhux ser isir.
- Titranġa kantuniera ta' Bankina fi Triq San Blas- Din lesta.
- Jitranġa l-fence tal-grawnd- dan lest.
- Pendenti: Patch fi Triq il-Knisja u bini ta' Ħajt f'Daħlet Qorrot.

**24.5.18** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Jean Paul Portelli:***

- Ħaxix fi Triq ta' Grunju u fi Triq ta' Sopu- Dawn lesti.
- Pendenti: Il-Gibjun tal-Pjazza biex niċċekjaw jaħdimx, Passaġġ bit-torba tax-Xini.

**24.5.19** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Josef Camilleri***:

- Ħofra fil-Pjazza Dun Martin Camilleri- din lesta.
- Yellow lines fi Triq DC Cocco Palmeri- dawn lesti.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

- Pendenti: Sement fi Sqaq tad-Duru- Dan ser isir il quddiem.

## 24.6. Korrispondenza;

| | |
|---|---|
| 6752 | E mail minghand ir-Regjun dwar parteċipazzjoni f'festival internazzjonali tal-bizzilla ġewwa l-Kroazja. |
| 6753 | PQ 17972 |
| 6754 | Cirk. AKL 2021/004- Calypso Radio Outside Broadcasts |
| 6755 | E mail mingħand Ambjent Malta dwar Konsultazzjoni Kunsilli Lokali |
| 6756 | E mail mingħand DLG dwar Laqgħat Statutorji |
| 6757 | Cirk. AKL 2021/007-Webinar-Financial Regulation 20/01/2021 |
| 6758 | Cirkulari 01/2021- Għeluq tas-sena Finanzjara 2020 |
| 6759 | Cirk, AKL 2021/008 Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Reġjonali/Lokali fl-Earth Hour 2021 |
| 6760 | Ittra ta' ringrazzjamnet mingħand il-MUSEUM Bniet |
| 6761 | Approvazzjoni tal-iskema "Restoration Works Scheme for Gozitan Local Councils 2020" - FECC Carnival monument 7,225 excl. VAT |
| 6762 | Ittra ta' ringrazzjament mingħand il-MUSEUM Subien |
| 6763 | Ittra mingħand il-Big Friends Guggen Musik Malta dwar Karnival b'differenza |
| 6764 | Ċir AKL 2021/002- Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus tal-Kunsill |
| 6765 | Cirk. AKL 2021/001- Personal Accident Scheme |
| 6766 | Approvazzjoni mingħand it-Direttur għal Gvern Lokali fuq il-Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv |
| 6767 | Cirk. SPI/SCI/2/2021- Finanzjament għal żvillup u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex.***Il-Kunsilliera flimkien mas-Sindku ser jagħmlu site visit u jaraw x'hemm bzonn biex insebbħu u imbgħad napplikaw***. |
| 6768 | E mail mingħand AKL dwar water saving kit distribution- ***Is-Segretarja bgħatet l-interess tal-Kunsill.*** |

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

| | |
|---|---|
| 6769 | Ċirk. AKL 2021/009- Attivitajiet Fondi LESA għas-sena 20/21- ( Nadur LC-Fitness classes). ***Minħabba is-sitwazzjoni tal-COVID-19, is-Segretarja ser tibgħat l-ispejjez li saru sa issa u ser jieqfu l--fitness classes peress li ser tgħalaq l-iskema. Kien hemm qbil.*** |
| 6770 | Expression of interest-Donation of palm trees |
| 6771 | AKL-Waste Management Action Plan- ***Is-Sindku bgħat fejn wera li ma naqblux bhala Kunsill mal-punti fejn jingabar skart***. |

***Rimarki oħra:-***

Is-Segretarja innotat li kellmuha minn naha tal-Awtorita tal-Ippjanar rigwrad rapport fuq it-tinda tal-boċċi ta' San Blas. Is-Segretarja għamlet kuntatt mal-Perit tal-Kunsill biex nirregolawha. Kien hemm qbil.

Ittra mingħand FKNK- Kien hemm qbil li għalissa naraw liema minn dawn il-progetti jistghu isiru fil-prattika. Il-Kunsillier Jean Paul Portelli ser jara fuq din it-talba.

Skema ta' Outdoor Gym Equipment mill-Eco Gozo-MGOZ- Peress li ried ikun hemm applikazzjoni għal kull post propost, kien hemm qbil li tiġi applikata l-Belvedere tad-Duru biss.

Is-Segretarja innotat li ċ-Ċentru Parrokjali ser ikun qed jagħmel proġett ta' Kitchenette biex iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jitgħallmu jsajjru. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikkollabora magħhom f'dan il-proġett bl-ammont ta' 2,000 euro minnflokk il-Kollaborazzjoni li kien ġie diskuss fil-laqgħa no. 22 (projector, cctv u apparat).

Case 18/2021-Talba għall-Fondi ta' Aġġustament għas-sena 2021- Kien hemm qbil li napplikaw għal dan il-fond bl-ammont ta' 3,000 euro. (Fond ta' Aġġustament għall-Lokalitijiet li kellhom żieda fl-allokazzjoni ta' anqas minn €11,000)

Ċirk. SPI/SCI/3/32021- Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021- Is-Segretarja għandha tibgħat e mail tistaqsi hux għas-sena 2021 biss u jekk hu hekk minħabba l-COVID-19 mhux ser napplikaw. Kien hem qbil fuq dan.

Kwotazzjoniet għal-Accountant- Kien hemm tlett kwotazzjonijet. L-orħos kwotazzjoni kienet ta' Michelle Camilleri bl-ammont ta' 4,460.40 euro Vat inkluż. Is-Sindku, Edward Said ressaq mozzjoni :- Wara li s-Segretarju Eżekuttiv gabret tlett kwotazzjonijiet għal l-Accountant għas-sena 2021 kien hemm tlett prezzijiet prezenti li hu qed jitlob li tintgħazel l-orħos kwotazzjoni ta'

Michelle Camilleri. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill. Issekonda din il-mozzjoni l-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri u kien hemm qbil annominu favour din il-mozzjoni.

Drenaġġ fil-Knisja Qalb ta' Gesu- Kien hemm talba għal għajnuna fis-sistema ġdida tad-drenaġġ f'din il-Knisja. Is-Sindku talab lis-Segretarja tara ma' persuna esperta fuq id-drenaġġ. Is-Segretarja tkellmet ma' persuna esperta fuq da nil-qassam u ġiet infurmata li dawn ix-xogħolijiet jaqgħu taħt ir-responsabbilita tal-privat. Kien hemm qbil li peress li tal-privat il-Kunsill ma jistax jidħol fija.

**24.7 Karnival 2021, Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali**

**24.7.1. Karnival –** Ġie diskuss dawn il-punti:-

- Li Maskeruni fil Pjazza San Pietru u San Pawl u l-Banner fi Triq Rabat Road ma jsirux minħabba l-COVID-19.
- Inizzjattiva Skola – Bdew deħlin ritratti tat-tfal.
- Inizzjattiva ta' kostumi – Ser ikun hemm milli jidher ftit. .
- Filmat ta' CVC għal Karnival – Qed isir filmat bl-arkivji u intervisti mas-Sindku, Daniel Meilak, Raymond Vella u Peter Muscat.
- Il-Pulizija kellmuna li ser ikunu prezenti fin-Nadur.

Karnival – Fondazzjoni- Is-Sindku issuggerixxa li jitwaqqaf kumitat tal-Fondazzjoni tal-Karnival li jkun hemm hu chairman, Raymond Vella, Stanley Portelli, Daniel Meilak, Joe Chircop u l-Kunsillier Joseph Vella u ex-officio il-Kunsill. Hu issuggerixxa wkoll li jkun hemm miġbur kollox f'rokna fil-Kunsill bhala dokumenti, rittratti u materjal tal-Karnival. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

**24.7.2. L-Għid-** Kien hemm qbil li s-Salib tal-Gimgħa l-Kbira fil-Pjazza bid-dawl ma jsirx minħabba l-budget.

Kien hemm qbil ukoll li isir tip fjakkoli fuq il-bjut u jieħu ħsieb id-disinn l-artist James Azzopardi. Il-Kunsilliera u Sindku ser jitkellmu ma' l-artist.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Il-figolli għat-tfal ta' l-iskejjel tan-Nadur ġew ordnati mingħand Grech's Bakery. Dawn sere jitqassmu fit-30 ta' Marzu. Kien hemm qbil fuq dan ukoll.

**24.7.3. Emerging Rural Destination** – Ser isir programm ma' CVC fejn ikun hemm xi raħħala, bdiewa u artegjanat lokali fin-Nadur fih u jinbena minn Daniel Meilak. Kien hemm qbil fuq dan u ser jaħdem fuq in-nies il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri.

**24.7.4. Rikonoxximenti ma' Gieħ in-Nadur**- Is-Sindku għamel suġġeriment li t-titlu tal-avveniment ikun Insellmu u Nirrikonoxxu. Ir-rikonoxximent jingħata lil:-

- L-anzjan/a attiv/a fil-komunita' minkejja z-zmien
- Iż-żgħażugħ/a attiv/a fil-komunita minkejja l-impenji
- Voluntiet fix-xogħol tal-Kunsill b'imħabba lejn in-Nadur.

Kien hemm qbil fuq dawn.

**24.7.5. Ħad-Dingli Iffirmar Ħbiberija** – Dan għadu pospost minħabba l-Covid-19.

**23.7.6. Clean Ups-** Dawn baqgħu għaddejjin regolari.

**24.8. Proġetti u Xogħolijiet Oħra.**

**24.8.1 Triq ta' Kenuna-** Is-Sindku spjega fid-dettal l-aħħar zviluppi fuq dan il-proġett inkluz il-Monument ta' Brian.

**24.8.2 Triq Daħlet Qorrot-** Is-Sindku innota li twaħħlet bollard rigward bini tat-Triq izda wara ftit din tneħħiet u milli jidħer ser isiru l-ħitan tas-sejjieħ. Il-Viċi Sindku issuggerixxa li għandha tintbgħat ittra mis-Segretarja fejn titlob biex il-Kunsill ikun infurmat fuq x'ser isir ezatt.

**24.8.3 Triq ir-Ramla l-Qadima-** Is-Segretarja għandha terġgħa tkellem lil Kuntrattur biex tara meta ser jitkompla ix-xogħol.

**24.8.4 Cameras Ġnien il-Kunsill-** Dawn għadhom pendenti.

**24.8.5 Il-Monument tal-FECC u ir-Railing-** L-Applikazzjoni tal-Kunsill ġiet aċċettata u qed nistennew il-Kuntratt.

**24.8.6 Belvedere fi Triq ir-Ramla l-Qadima-** Il-Kunsill qed jistenna mingħand il-Perit.

**24.8.7 Green Wall ta' Xhajma**: Is-survey huwa lest.

**24.8.8 Pjanċi fil-Ġnien ta' Kenuna** – Dawn ordnati u ser jitħallsu minn naħa ta' Eco Gozo.

**24.7.9 Dawl fis-soft area ta' Triq it-Tramuntana-** Il-Kunsill għadu jrid jara fuq dan.

**24.8.10 Gazebo fil-Playing Field ta' San Blas –** Din lesta mill-ħaddiem tal-Kunsill u kemm issa tinzebaħ.

**24.8.11 Muxa fi Triq San Gwann** – Irid isir survey.

**24.8.12. Ir-Railings ta' Triq ir-Rabat –** Il-Kunsill għadu jistenna minn naha tal-MGOZ rigward dawn peress li qedin f'Triq Arterjali.

**24.8.13. Latrina ħdejn il-Playing Field ta' San Blas-** Dan il-progett pjanat li jsir il quddiem.

**24.8.14. Bus shelter fil-Pjazza San Pietru u San Pawl**- Il-Kunsill għadu ma irċieva l-ebda risposta mingħand FACES.

**24.8.15. Statwa ta' San Gwann fi Triq San Gwann-** Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri ta update fuq din l-istatwa li baqalu jitkellem ma persuna waħda biex ikun hemm qbil biex tiġi restawrata.

**24.8.16. Zebgħa u bullards fi Triq Arc. Saver Cassar u Pjanti-** Dawn għadhom ma sarux.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**24.8.17. Bolavostri quddiem il-monument tal-Gwerra u dawl fi Triq it-Tigrija**- Il-Bolavostri huma ordnati.

**24.8.18. Latrina Pubblika fi Triq it-Tramuntana**- is-Sindku innota li jrid jiltaqa' mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiddiskuti refurbishment ta din il-latrina.

**24.8.19. Sqaq fi Triq San Blas**- Irid isir survey.

**24.8.20. Latrina fi Triq it-Tramunata, ħdejn il-Kunsill-** Ser isir stima tax-xogħol.

**24.8.21. Railing fi Triq il-Madonna ta' Fatima**- Ix-xogħol huwa lest u kemm nizbhu l-Ħadid.

**24.8.22. Pending:** It-tabella tal-Merħba, il-Festun tal-fiss fil-Pjazzetta.

**24.9.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**24.9.1 Rikjesti mis-Sindku:**

Talba għal bozza ġdida fi Triq ir-Ramla imma l-ewwel ser nippruvaw inċaqilqu waħda- kien hemm qbil.

Talba biex titneħħa iz-zebra Crossing u Bus Shelter fi Triq Bingemma. Kien hemm qbil li nibgħatu talba lil TM.

Talba biex jitranġa l-gibjun tal-ilma f'Wied Bingemma. Kien hemm qbil.

Talba għal sement fi Triq Tigrija taħt il-bankini. Kien hemm qbil.

Talba biex titnaddaf biċċa li nizlet u timtela mill-ġdid fi Triq San Blas. Kien hemm qbil.

Talba għal bin ġdid fil-belvedere fi Triq ir-Rabat. Kien hemm qbil.

- Talba għal bullards tal-plastic reflecting ma' gandott fi Triq ta' Daħlet Qorrot. Kien hemm qbil.

Talba għal sement minhabba problema tal-ilma fi Triq it-Targa. Kien hemm qbil.

Talba għal sement biex ma jaqax ħajt fi Triq Ħida. Kien hemm qbil.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Talba għal żewġ pots minn Triq Lazzru Pisani biex imorru fuq z-zuntier tal- knisja qalb ta Gesu. Kien hemm qbil.

Talba biex titranga tappiera fuq bankina fi Triq l-Mnarja li tkissret minn WSC. Kien hemm qbil.

Talba biex jitranġaw żewġ żwiemel tal-logħob fil-Playing Field tal-Ħali li tkissru b'vansalizmu. Kien hemm qbil.

Talba biex titranġa bankina fi Triq il-Madonna ta' Lourdes u oħra fi Triq Grunju. Kien hemm qbil.

Talba biex nirranġaw bins ta' ħdejn l-skola minflok nixtru ġodda. Kien hemm qbil.

Talba għal aċċess għal bdiewa f' San Blas

**24.9.2 Rikjesti mill-Viċi Sindku:**

Talba għal mera fi Triq Ħida ma' Triq il-Plier. Kien hemm qbil.

Tabella STOP biex tinbiddel fi Triq San Guzepp ma' Triq Ħida. Kien hemm qbil.

Talba biex jitnaddaf il-passaġġ quddiem l-iskola fi Triq it-Tigrija mix-xewk. Kien hemm qbil.

**24.9.3 Rikjesti mingħand Joseph Vella:**

**Talba għal dog bin u qtugħ ta' ħaxix fi Triq il-Buskett.**

**24.9.4. Rikjesti mingħand Josef Camilleri:**

Talba għal yellow lines fi Triq DC Cocco Palmeri. Kien hemm qbil u ser tintbgħat talba lil TM.

**24.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta 2 ta' Marzu fl-4:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |